MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 116/2008

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fil-knisja parrokjali ta’ Ta’ Xbiex fit-tlettax (13) ta’ Lulju tas-sena elf disa’ mija hamsa u tmenin (1985), u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru ta’ l-iskrizzjoni elf mija u hamsa u disghin tas-sena elf disa’ mija hamsa u tmenin (1195/1985) (Dokument A);

2. Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

3. Illi inoltre, il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

4. Illi minhabba r-ragunijiet premessi u ragunijiet ohra kontemplati fl-Att Dwar iz-Zwieg (Kap. 255), iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett legali.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u dawk kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, prevja kull dikjarazjoni li tirrizulta mehtiega, l-esponenti titlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-13 ta' Lulju 1985 kien null u bla effett legali; u

2. konsegwentement tordna li dina n-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut, debitament notifikat, ghazel li jibqa' kontumaci ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-13 ta' Lulju 1985 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien vizzjat fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d], u

tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ghal "ragunijiet ohra kontemplati [fl-istess Att]"

Minn naha tieghu, il-konvenut, ghalkemm ma pprezentax risposta guramentata, izda fix-xhieda tieghu ma opponiex ghat-talbiet attrici.

**Il-Fatti**

Illi mill-kumpless tal-provi jirrizulta li l-partijiet kienu zzewgu fit-13 ta' Lulju 1985 meta allura l-attrici kellha 20 sena u l-konvenut kellu 22 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa sitt snin. Fis-19 ta' Gunju 1993 twieldet it-tifla. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa dsatax [19]-il sena, il-partijiet isseparaw billi l-attrici telqet mid-dar konjuigali, u fil-11 ta' Marzu 2004 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali.

*Verzjoni Attrici*

L-attrici tghid li hi kienet bdiet tohrog mal-konvenut meta kellha 14-il sena. Dak iz-zmien missierha, li kellu karattru dominanti, kien ahrax maghha u kien jimponi fuqha, li tidhol id-dar fit-8.30pm ; ghalhekk hija kienet xtaqet li tizzewweg ta' eta' piuttost zghira biex tfittex titlaq mid-dar tal-genituri taghha. Kien f' dan il-kuntest li hija bdiet, u kompliet, bir-relazzjoni mal-konvenut, li, ghalkemm ma kienux joghgbuha certu affarijiet fih, hija baqghet mieghu, kemm ghax kienet thobbu, kif ukoll biex tfittex tizzewweg.

Tghid li matul l-gherusija l-partijiet, ghalkemm kienu jinnamraw b' mod normali, ma kienux jaghmlu l-att taz-zwieg, peress li kellha biza' kbira li tohrog tqila u jkollha tiffaccja lil missierha.

Sussegwentement il-partijiet izzewgu fid-data fuq indikata, u, ghalkemm it-tnejn li huma riedu li jkollhom t-tfal fiz-zwieg, u nonostante l-isforzi taghhom, xorta wahda kienu ghamlu zmien twil bla tfal.  Eventwalment, l-attrici harget tqila u fis-19 ta' Gunju 1993 kellhom tifla.

Illi circa sentejn jew tlieta[1] wara d-data taz-zwieg, u allura qabel it-twelid tat-tifla, il-konvenut beda jgib videos pornografici d-dar, u skond l-attrici, kien igieghla tarahom mieghu, u wara, jdur fuqha biex jaghmlu l-att taz-zwieg, jew jaghmel ma' martu l-attivita' sesswali li jkunu raw fil-video. Hi tghid li kienet thossha li qeda tigi uzata u abbuzata minn zewgha li, nonostante l-oppozizzjoni taghha, huwa kien jimponi ruhu fuqha. Tghid li fuq dan "Konna niggieldu fuqha hafna, l-inkwiet taghna minn hemm l-izjed li beda. Konna niggieldu, u sahansitra gab xi affarijiet id-dar meta sifirna biex nuzawhom ; allura jiena bdejt inhoss li flok kelli bniedem normali, kelli oggett tal-plastic go fiha."[2] Tghid, pero', li dan l-ahhar fatt kien sehh "xi tlett snin qabel ma sseparajna."[3]

L-attrici tispjega : "Kont nirrifjuta [is-sess] meta bdew dawn il-films, qabel ma kienx ikolli problemi."4 Tghid li tant kienet imdejqa li kienet xebghat "u blajt il-pilloli ghax xbajt nghix, ma kellix triq ohra." Dan kien meta t-tifla kellha qisu 8 snin.

L-attrici tilmenta wkoll mill-fatt li, kemm qabel iz-zwieg, kif ukoll wara, kien hemm indhil indebitu minn naha ta' omm il-konvenut, li kienet tipprevali fuqu u fuq id-decizjonijiet taghhom.

*Verzjoni Konvenut*

Il-konvenut jghid li l-inkwiet matrimonjali beda wara li twieldet it-tifla, u li qabel, qatt ma kien hemm problem serji. Kien lejn l-ahhar tal-konvivenza matrimonjali li l-attrici kienet bdiet tohrog waheda mal-hbieb darba fil-gimgha, u eventwalment spiccat biex iddum barra sas-sieghat bikrin ta' filghodu.

Huwa jammetti li kien igib il-films pornografici d-dar, izda jichad li kien igieghel lill-attrici tarahom. Jghid u jinsisti, li dawn kienu jarawhom flimkien, u l-attrici kienet konsenzjenti, u li qatt ma kienet ilmentat mieghu ; qatt ma

[1] Dep. attrici fol.58
[2] Ibid. Fol.59
[3] Ibid. Fol.60
[4] IBid. Fol.62

qaltlu li kienet qed thossha uztata bis-sitwazzjoni, “qatt ma qaltli xejn [zgur] mija fil-mija ... qatt ma jidhirli li qaltli ‘jien uzata’ ghax kieku ma riditx tarahom setghet ma tarahomx. Qatt ma ghidtilha ‘bilfors trid tara film, dak nahilfu jigifieri li bilfors qatt m’ ghadtilha”[5] u inoltre qatt ma lmentat dwar it-tip ta’ attivita’ sesswali li kienu jaghmlu.

Il-konvenut jghid li dawn l-ilmenti ta’ l-attrici dwar il-films pornografici ssemmew l-ewwel darba mas-separazzjoni, u skond hu “meta sseparajna gabet skuza biex tissepara b’ dawn l-affarijiet.”6

Rigward l-ilment ta’ l-attrici li omm il-konvenut kienet tindahlilhom, huwa jghid li anke ommha kienet tindahal.

Il-konvenut jghid li l-attrici qaltlu li kienet ser tilaq mid-dar konjugali ghax iddejqet.

Illum it-tifla taghhom tghix mieghu, filwaqt li martu “qeda ma’ wiehed.”[7]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi fir-rikors promotur l-attrici tindika, bhala l-bazi legali tat-talba taghha, il-capita nullitatis kontemplati fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] u fil-paragrafu [f] ezistenti fil-konfront tal-konvenut ; filwaqt li fin-nota tas-sottomissjonijiet taghha tattribwixxi dawn ir-ragunijiet ta’ annullament lill-konvenut “u/jew” lill-kontendenti t-tnejn. Dawn huma l-parametri gudizzjari ta’ l-azzjoni odjerna.

*Diskrezzjoni ta’ Gudizzju*
Illi l-attrici ssostni li l-komportament abuziv tal-konvenut fil-konfront taghha wara z-zwieg jikkostitwixxi da parti tieghu manifestazzjoni ta’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq id-drittijiet u dmirijiet tal-hajja matrionjali. Tghid li l-mod kif kien juzaha u jabbuza minnha permezz tal-materjal pornografiku kien ta’ ostakolu sabiex il-partijiet jibnu bejniethom “komunjoni tal-hajja, element tant

[5] Dep. konvenut fol.45
[6] Ibid. Fol.50
[7] Ibid. Fol.51

essenzjali u ndispensabbli ghaz-zwieg validu fil-ligi."[8] Tissottometti wkoll li t-trobbija taghha kienet gieghlitha toqghod ghar-rieda tal-konvenut. Hija tkompli tghid li il-konvenut "dahal ghaz-zwieg biex ikollu s-sess, u biex ikollu t-tfal, imma mhux biex jibni hajja gdida f' komunjoni ta' mhabba u ghaqda ma' l-esponent."[9]

In propozitu l-Qorti tikkonsidera opportuni l-osservazzjoni segwenti:
[1] Illi l-allegazzjoni attrici li dina kienet tigi zfurzata mill-konvenut tara l-films pornografici u tikkopja l-attivita' sesswali muriha fuqhom, giet kategorikament michuda mill-istess konvenut fix-xhieda tieghu in subizzjoni. Huwa jsostni li dawn il-films kienu jarawhom flimkien, u kien isir is-sess bejniethom, bil-kunsens ta' l-attrici li qatt ma kienet ilmentat mieghu dwar dan. Dan sostnih aktar minn darba fix-xhieda tieghu ; u ghalhekk dan l-fatt allegat mill-attrici isib kuntrast qawwi fix-xhieda tal-konvenut.

Inoltre, din il-Qorti tosserva li, ghalkemm matul id-depozizzjoni tieghu, l-konvenut kien jidher li ma kellux interess fil-kawza [hlief li ma jehilx bl-ispejjez], il-fatt li l-partijiet kienu damu fil-konvivenza circa dsatax [19]-il sena, jaghti konfront lit-tezi tieghu. Jekk verament l-attrici kienet tissubixxi dak allegat minnha kontra l-volonta' taghha, huwa nverosimili li dina tibqa' tghix mal-konvenut ghal dawn is-snin kollha ; ghalkemm din il-Qorti hija propensa li taccetta li, wara certu periodu ta' zmien, din it-tip ta' attivita' kienet forsi bdiet iddejjaqha.

[2] Illi barra minnhekk, u b' izjed relevanza, il-Qorti tosserva li mix-xhieda ta' l-attrici stess johrog il-fatt li l-introduzzjoni tal-materjali pornografiku fid-dar matrimonjali beda jsir mill-konvenut bejn sentejn jew tlett snin wara id-data taz-zwieg li fiha taw il-kunsens matrimonjali taghhom ; u ghalhekk, fin-nuqqas ta' provi ulterjui li juru l-kuntrarju, ma jsegwix necessarjament li dan il-hsieb tal-konvenut kien gja jissussisti fil-mument tal-ghoti tal-kunsens tieghu.

---

[8] Nota, fol.76
[9] Ibid.

[3] Illi di piu' il-fatt li l-partijiet damu johorgu flimkien circa sitt snin qabel iz-zwieg minghajr ma l-konvenut insista maghha li jsir l-att taz-zwieg, dan il-fatt jimmilita kontra l-istampa li qed tipprova taghti l-attrici tieghu, u cioe' ta' bniedem dominanti u li kien jimponu fuqha l-attivita' sesswali.

Ghalhekk l-allegazzjonijiet ta' l-attrici fir-rigward, u s-sottomissjoni taghha li l-komportament tal-konvenut ivvizjat il-kunsens matrimonjali, ma jirrizultawx sodisfacentement provati, kemm ghax ma jirrizultax provat li tul il-hajja konjugali hija kienet tigi mgieghla tara l-imsemmija films u taghmel attivita' sesswali relatata, kif ukoll ghax jirrizulta provat li l-introduzzjoni ta' dawn il-films saret mill-anqas sentejn wara d-data taz-zwieg.

Il-Qorti hija tal-fehema li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut kienu jafu x' inhuma l-obbligi essenzjali matrimonjali, u cioe' li jghixu flimkien f' unjoni diretta lejn il-prokreazzjoni u trobbija ta' ulied ; u t-tnejn riedu li jkollhom it-tfal fiz-zwieg, tant li kienu ghamlu diversi tentattivi, anke b' konsultazzjonijiet medici, ghal dan il-ghan, bir-rizutlat li eventwalment huma kellhom tarbija fis-sena 1993, circa tmien snin wara z-zwieg, wara liema data huma baqghu jghix flimkien ghal perijodu rilevanti.

In propozitu hija opportuna l-osservazzjoni li, il-fatt li matul il-kors tal-hajja konjugali s-sitwazzjoni bejn il-partijiet idditerjorat b' mod li eventwalment wasslu ghas-separazzjoni personali ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li l-kunsens matrimonjali taghhom kien vizzjat, ghax ghal dan ta' l-ahhar, il-mument opportun huwa l-forma mentis taghhom fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali. Fil-kaz in dizamina jirrizulta provat li ghal certu perijodu wara d-data taz-zwieg ma kienx hemm problemi serji bejn il-partijiet, u din il-Qorti hija propensa li taccetta l-verzjoni tal-konvenut li r-relazzjoni matrimonjali bejniethom bdiet tixxaqqaq f' xi zmien wara t-twelid tat-tifla.

*Simulazzjoni*
Illi l-premessi konsiderazzjonijiet fattwali japplikaw mutatis mutandi ghal din il-bazi legali. Mill-provi ma jirrizultax li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, xi parti eskludiet obbligu essenzjali ghaz-zwieg. Huma zzewgu biex jghixu flimkien, jipprokreaw u jrabbu l-ulied taghhom, kif fil-fatt ghamlu.

In fine, ghall-kompletezza jigi osservat li l-fatt li konjugi fiz-zwieg jisfoga sesswalment mal-konjugi l-iehor wara li jkun ra materjal pornografu u konsegwenza ta’ l-istess, ma jikkostitwix fil-ligi, adulterju jew vjolazzjoni ta’ l-obbligu tal-fedelita’.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici ma jsibux sostenn fil-provi, u ghalhekk ma jimmeritawx li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------